Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/759**

tat-28 ta' April 2016

li jfassal listi tal-pajjiżi terzi, il-partijiet ta' pajjiżi terzi u t-territorji li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum uman, li jistabbilixxi ċertifikati, rekwiżiti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u li jħassar id-Deċiżjoni 2003/812/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 126, 14.5.2016, p. 13)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1793 tal-10 ta' Ottubru 2016	L 274	48	11.10.2016

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/759

tat-28 ta' April 2016

li jfassal listi tal-pajjiżi terzi, il-partijiet ta' pajjiżi terzi u t-territorji li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum uman, li jistabbilixxi ċertifikati, rekwiżiti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u li jħassar id-Deċiżjoni 2003/812/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KAPITOLU 1

IMPORTAZZJONIJIET TA' ĊERTI PRODOTTI MILL-ANNIMALI

Artikolu 1

Listi ta' pajjiżi terzi, partijiet ta' pajjiżi terzi u territorji

Il-pajjiżi terzi, il-partijiet ta' pajjiżi terzi u t-territorji li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' dawn il-prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum uman huma stabbiliti fil-Partijiet rilevanti tal-Anness I:

(a) saqajn taż-żrinġijiet, il-Parti I;

(b) bebbux, il-Parti II;

(c) ġelatina u kollaġen, il-Parti III;

(d) materja prima għall-produzzjoni tal-ġelatina u l-kollaġen, il-Parti IV;

(e) materja prima ttratata għall-produzzjoni tal-ġelatina u l-kollaġen, il-Parti V;

(f) għasel, ħalib tan-naħal u prodotti oħrajn tal-apikultura, il-Parti VI;

(g) il-prodotti raffinati ħafna li ġejjin, il-Parti VII:

(i) sulfat tal-kondrojtin,

(ii) aċidu ħjaluroniku,

(iii) prodotti oħrajn tal-qarquċa idrolizzata,

(iv) kitosan,

(v) glukosammina,

(vi) rennin,

(vii) isinglass,

(viii) l-aċidi amminiċi li huma awtorizzati bħala addittivi tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Artikolu 2

Mudelli taċ-ċertifikati:

1. Il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 huma stabbiliti fl-Anness II kif ġej:

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16)

▼B

(a) saqajn taż-żringijiet, il-Parti I;

(b) bebbux, il-Parti II;

(c) ġelatina, il-Parti III;

(d) kollaġen, il-Parti IV;

(e) il-materja prima għall-produzzjoni tal-ġelatina u l-kollaġen, il-Parti V;

(f) materja prima ttratata għall-produzzjoni tal-ġelatina u l-kollaġen, il-Parti VI;

(g) għasel, ħalib tan-naħal u prodotti oħrajn tal-apikultura, il-Parti VII;

(h) il-prodotti raffinati ħafna li ġejjin, il-Parti VIII:

(i) sulfat tal-kondrojtin,

(ii) aċidu ħjaluroniku,

(iii) prodotti oħrajn tal-qarquċa idrolizzata

(iv) kitosan,

(v) glukosammina,

(vi) rennin,

(vii) isinglass,

(viii) l-aċidi amminiċi li huma awtorizzati bħala addittivi tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

Dawk iċ-ċertifikati għandhom jimtlew b'konformità man-noti ta' spjegazzjoni stipulati fl-Anness IV u n-noti fiċ-ċertifikat rilevanti.

2. Jistgħu jintużaw iċ-ċertifikazzjoni elettronika u sistemi oħra maqbula bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz konċernat.

KAPITOLU 2

TRANŻITU TA' ĊERTI PRODOTTI MILL-ANNIMALI

Artikolu 3

Listi ta' pajjiżi terzi, partijiet ta' pajjiżi terzi u territorji

Il-pajjiżi terzi, il-partijiet ta' pajjiżi terzi u t-territorji li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw it-tranżitu mill-Unjoni tal-materja prima u l-materja prima ttrattata għall-produzzjoni tal-ġelatina u kollaġen maħsuba għall-konsum uman destinati għal pajjiż terz, kemm jekk permezz ta' tranżitu immedjat jew wara l-ħażna fl-Unjoni skont l-Artikolu 12(4) u l-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE ([1]), huma stabbiliti fil-partijiet IV u V tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, rispettivament.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi (ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9).

▼B

Artikolu 4

Mudell ta' ċertifikat

1. Il-mudell taċ-ċertifikat għat-tranżitu mill-Unjoni tal-materja prima u tal-materja prima ttrattata msemmija fl-Artikolu 3 hija stabbilita fl-Anness III.

Dak iċ-ċertifikat għandu jimtela skont in-noti stabbiliti fl-Anness IV u skont iċ-ċertifikat mudell rilevanti.

2. Jistgħu jintuaw ċertifikazzjoni elettronika u sistemi oħrajn armonizzati fil-livell tal-Unjoni.

Artikolu 5

Derogi għat-tranżitu mil-Latvija, il-Litwanja u l-Polonja

1. B'deroga mill-Artikolu 3, it-tranżitu fuq it-triq jew bil-ferrovija bejn il-postijiet speċifiċi ta' spezzjoni fil-fruntiera magħżula fil-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja, elenkati u mmarkati bir-rimarka speċjali 13 fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE ([1]), tal-kunsinni tal-materja prima jew il-materja prima ttrattata msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament li ġejjin mir-Russja jew fi triqthom lejha, direttament jew minn pajjiż terz ieħor, għandu jiġi awtorizzat jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kunsinna tiġi ssiġillata b'siġill innumerat f'serje mill-veterinarju uffiċjali fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul;

(b) id-dokumenti ta' akkumpanjament mal-kunsinna, kif stipulat fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE, jiġu ttimbrati bil-kliem "Għat-tranżitu biss lejn ir-Russja mill-UE" fuq kull paġna mill-veterinarju uffiċjali fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul;

(c) ikun hemm konformità mar-rekwiżiti proċedurali previsti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/78/KE;

(d) il-kunsinna tiġi ċċertifikata bħala tajba għat-tranżitu fid-dokument veterinarju komuni tad-dħul maħruġ mill-veterinarju uffiċjali fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul.

2. Il-kunsinni msemmija fil-paragrafu 1 ma jistgħux jinħattu jew jinħażnu, kif imsemmi fl-Artikolu 12(4) jew fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE, fi ħdan l-Unjoni.

3. Għandu jsir awditjar regolari mill-awtorità kompetenti biex ikun assigurat li n-numru ta' kunsinni, kif imsemmi fil-paragrafu 1, u n-numru ta' kwantitajiet korrispondenti ta' prodotti li jitilqu mill-Unjoni jikkorrispondu man-numru u l-kwantitajiet li jidħlu fl-Unjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE tat-28 ta' Settembru 2009 Tfassil ta' lista approvata ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, li tistabbilixxi ċerti regoli dwar l-ispezzjonijiet imwettqa mill-esperti veternarji tal-Kummissjoni u tistabbilixxi l-unitajiet veterinarji fi TRACES (ĠU L 296, 12.11.2009, p. 1).

▼B

KAPITOLU 3

DISPOIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 6

Emenda

L-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 2074/2005 jiġi emendat kif ġej:

(1) fit-Taqsima I, il-Kapitoli I, II, III u VI jitħassru;

(2) l-Appendiċi I, II, III u VI jitħassru.

Artikolu 7

Abrogazzjoni

Id-Deċiżjoni 2003/812/KE titħassar.

Artikolu 8

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Il-kunsinni tal-prodotti mill-annimali li għalihom iċ-ċertifikati rilevanti nħarġu skont ir-Regolament (KE) Nru 2074/2005 jistgħu jkomplu jiġu introdotti fl-Unjoni sakemm iċ-ċertifikat ġie ffirmat qabel it-3 ta' Diċembru 2016.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Listi ta' pajjiżi terzi, partijiet ta' pajjiżi terzi u territorji kif imsemmija fl-Artikolu 1

PARTI I

SAQAJN TAŻ-ŻRINĠIJIET

Il-pajjiżi terzi u t-territorji elenkati fil-kolonna "Pajjiżi" tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE, ħlief dawk li għalihom tissemma restrizzjoni fil-kolonna "Restrizzjonijiet" ta' dak l-Anness, u dawn il-pajjiżi jew it-territorji li ġejjin:

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ/TERRITORJU
MK (*)	l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

(*) L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; kodiċi provviżorju li ma jippreġudika bl-ebda mod in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż, li tiġi miftiehma wara l-konklużjoni tan-negozjati li fil-preżent qed isiru dwar dan is-suġġett fin-Nazzjonijiet Uniti.

PARTI II

BEBBUX

Il-pajjiżi terzi u t-territorji elenkati fil-kolonna "Pajjiżi" tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE, ħlief dawk li għalihom tissemma restrizzjoni fil-kolonna "Restrizzjonijiet" ta' dak l-Anness, u dawn il-pajjiżi jew it-territorji li ġejjin:

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ/TERRITORJU
MD	Il-Moldova
MK (*)	l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja
SY	Is-Sirja

(*) L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; kodiċi provviżorju li ma jippreġudika bl-ebda mod in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż, li tiġi miftiehma wara l-konklużjoni tan-negozjati li fil-preżent qed isiru dwar dan is-suġġett fin-Nazzjonijiet Uniti.

PARTI III

ĠELATINA U KOLLAĠEN MAHSUBA GHALL-KONSUM UMAN

TAQSIMA A

Ġelatina u kollaġen li ġejjin mill-bovini, l-ovini, il-kaprini, il-porċini u l-annimali ekwini, kemm dawk li jitrabbew f'azjenda agrikola kif ukoll dawk selvaġġi

Il-pajjiżi terzi u t-territorji elenkati fil-kolonna 1 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 u dawn il-pajjiżi jew it-territorji li ġejjin:

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ/TERRITORJU
KR	Ir-Repubblika tal-Korea
MY	Il-Malasja

▼B

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ/TERRITORJU
PK	Il-Pakistan
TW	It-Tajwan

▼M1

TAQSIMA B

Il-ġelatina u l-kollaġen li ġejjin mit-tjur inkluži l-għasafar li ma jtirux u t-tjur tal-kaċċa

Il-pajjiżi terzi u t-territorji elenkati fil-kolonna 1 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 u dawn il-pajjiżi jew it-territorji li ġejjin:

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ/TERRITORJU
TW	It-Tajwan

▼B

TAQSIMA C

Ġelatina u kollaġen li ġejjin mill-prodott tas-sajd

Il-pajjiżi terzi u t-territorji kollha elenkati fil-kolonna "Pajjiżi" tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE, irrispettivament tissemmiex restrizzjoni fil-kolonna "Restrizzjonijiet" ta' dak l-Anness.

TAQSIMA D

Ġelatina u kollaġen li ġejjin mil-leporidae u mill-mammali selvaġġi tal-art mhux imsemmija fit-Taqsima A:

Il-pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna 1 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 119/2009.

PARTI IV

MATERJA PRIMA GĦALL-PRODUZZJONI TAL-ĠELATINA U TAL-KOLLAĠEN MAĦSUBA GĦALL-KONSUM UMAN

TAQSIMA A

Materja prima li ġejja mill-bovini, l-ovini, il-kaprini, il-porċini u l-annimali ekwini, kemm dawk li jitrabbew f'azjenda agrikola kif ukoll dawk selvaġġi;

Il-pajjiżi terzi, it-territorji u partijiet tagħhom elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 li minnhom hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' dik il-kategorija ta' laħam frisk tal-ispeċijiet rispettivi kif speċifikat f'dik il-parti ta' dak l-Anness, sakemm tali introduzzjoni mhix limitata bil-garanziji supplimentari A jew F kif indikat fil-kolonna 5.

TAQSIMA B

Materja prima li ġejja mit-tjur inkluži għasafar li ma jtirux u tjur tal-kaċċa:

Il-pajjiżi terzi, il-partijiet ta' pajjiżi terzi u t-territorji elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 li minnhom huma awtorizzati l-importazzjonijiet ta' laħam frisk tat-tjur tal-ispeċijiet rispettivi kif speċifikati f'dik il-Parti ta' dak l-Anness.

TAQSIMA C

Materja prima li ġejja mill-prodotti tas-sajd:

Il-pajjiżi terzi u t-territorji elenkati fil-kolonna "Pajjiżi" tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE, soġġetti għar-restrizzjonijiet imsemmija fil-kolonna "Restrizzjonijiet" ta' dak l-Anness.

▼B

TAQSIMA D

Materja prima li ġejja mil-leporidae u mill-mammali selvaġġi tal-art mhux imsemmija fit-Taqsima A:

Il-pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 119/2009, li minnhom huma awtorizzati l-importazzjonijiet ta' laħam frisk tal-ispeċijiet rispettivi kif speċifikati f'dik il-Parti ta' dak l-Anness.

PARTI V

MATERJA PRIMA TTRATTATA GĦALL-PRODUZZJONI TAL-ĠELATINA U TAL-KOLLAĠEN MAĦSUBA GĦALL-KONSUM UMAN

TAQSIMA A

Materja prima ttratata li ġejja mill-bovini, l-ovini, il-kaprini, il-porċini u l-annimali ekwini, kemm dawk li jitrabbew f'azjenda agrikola kif ukoll dawk selvaġġi;

Il-pajjiżi terzi u territorji u partijiet minnhom elenkati fil-kolonna 1 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, u l-pajjiżi jew it-territorji li ġejjin:

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ/TERRITORJU
KR	Ir-Repubblika tal-Korea
MY	Il-Malasja
PK	Il-Pakistan
TW	It-Tajwan

▼M1

TAQSIMA B

Il-materja prima ttrattata li ġejja mit-tjur inklużi l-għasafar li ma jtirux u t-tjur tal-kaċċa

Il-pajjiżi terzi u t-territorji elenkati fil-kolonna 1 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 u dawn il-pajjiżi jew it-territorji li ġejjin:

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ/TERRITORJU
TW	It-Tajwan

▼B

TAQSIMA C

Materja prima ttrattata li ġejja mill-prodotti tas-sajd:

Il-pajjiżi terzi u t-territorji kollha elenkati fil-kolonna "Pajjiżi" tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE, irrispettivament tissemmiex restrizzjoni fil-kolonna "Restrizzjonijiet" ta' dak l-Anness.

TAQSIMA D

Materja prima ttrattata li ġejja mil-leporidae u mill-mammali selvaġġi tal-art mhux imsemmija fit-Taqsima A:

Il-pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna 1 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 119/2009.

▼B

TAQSIMA E

Materja prima ttrattata msemmija fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, it-Taqsima XIV, il-Kapitolu I, il-punt 4(b)(iii) u t-Taqsima XV, il-Kapitolu I, il-punt 4(b)(iii)

Il-pajjiżi terzi, il-partijiet ta' pajjiżi terzi u t-territorji msemmija fil-Parti IV ta' dan l-Anness.

PARTI VI

GĦASEL, ĦALIB TAN-NAĦAL U PRODOTTI OĦRA TAL-APIKULTURA MAĦSUBA GĦALL-KONSUM UMAN

Il-pajjiżi terzi u t-territorji elenkati fil-kolonna "Pajjiżi" fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/KE ([1]), immarkati b'"X" fil-kolonna "Għasel" f'dak l-Anness.

PARTI VII

SULFAT TAL-KONDROJTINA, AĊIDU ĦJALURONIKU, PRODOTTI OĦRAJN TAL-QARQUĊA IDROLIZZATA, KITOSAN, GLUKOSOSAMMINA, RENNIN, ISINGLASS U AĊIDI AMMINIĊI RAFFINATI ĦAFNA GĦALL-KONSUM UMAN

(a) Fil-każ tal-materja prima derivata mill-bhejjem tal-ifrat li jinkludu l-ekwidi, il-pajjiżi terzi u t-territorji elenkati fil-kolonna 1 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, u l-pajjiżi jew it-territorji li ġejjin:

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ/TERRITORJU
KR	Ir-Repubblika tal-Korea
MY	Il-Malasja
PK	Il-Pakistan
TW	It-Tajwan

(b) Fil-każ tal-materja prima derivata mill-prodotti tas-sajd, il-pajjiżi terzi u t-territorji kollha elenkati fil-kolonna "Pajjiżi" fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE, irrispettivament jekk ir-restrizzjoni tissemmiex jew le fil-kolonna "Restrizzjonijiet" ta' dak l-Anness.

(c) Fil-każ tal-materja prima derivata mit-tjur, il-pajjiżi terzi u t-territorji elenkati fil-kolonna 1 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

▼B

ANNESS II

Ċertifikati mudell kif imsemmija fl-Artikolu 2

PARTI I

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT GĦAL IMPORTAZZJONIJIET TA' SAQAJN TAŻ-ŻRINĠIJIET IMKESSHIN, IFFRIŻATI JEW IPPREPARATI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM UMAN

PAJJIŻ: **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Il-kunsinnatur L-isem L-indirizz In-numru tat-telefown		I.2. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. L-awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. L-awtorità kompetenti lokali	
I.5. Id-destinatarju L-isem L-indirizz Il-Kodiċi Postali In-numru tat-telefown		I.6.	
I.7. Il-pajjiż tal-oriġini	I.8. Il-Kodiċi tal-ISO	I.9. Il-pajjiż tad-destinazzjoni	I.10. Il-Kodiċi tal-ISO
I.11. Il-post tal-oriġini L-isem In-numru tal-approvazzjoni L-indirizz		I.12.	
I.13. Il-post tat-tagħbija		I.14. Id-data ta' tluq	
I.15. Il-mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ L-identifikazzjoni Ir-referenzi ta' dokumentazzjoni		I.16. Il-BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17.	
I.18. Vapur		I.19. Il-kodiċi tal-komodità (kodiċi SA): **02.08.90**	
			I.20. Il-kwantità
I.21. It-temperatura tal-prodott Ambjentali ☐ Imkessħin ☐ Iffriżati ☐			I.22. In-numru ta' pakketti
I.23. In-Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur			I.24. It-tip ta' imballaġġ

▼B

I.25. Il-prodotti ċċertifikati għal: Konsum uman ☐				
I.26.			I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	
I.28. L-identifikazzjoni tal-komoditajiet				
L-ispeċi (l-isem xjentifiku)	It-tip ta' trattament	In-numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti L-impjant tal-manifattura	In-numru ta' pakketti	Il-piż nett

▼B

PAJJIŻ **Il-Mudell FRG**
Saqajn taż-żrinġijiet

II.	It-tagħrif dwar is-saħħa	II.a.	In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. L-Attestazzjoni tas-Saħħa Pubblika

Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1) u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55) u niċċertifika li s-saqajn taż-żrinġijiet deskritti hawn fuq ġew prodotti skont dawk ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

— ġejjin minn stabbiliment(i) li jimplementa(w) programm imsejjes fuq il-prinċipji tal-HACCP skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004;

kif ukoll

— joriġinaw minn żrinġijiet li ġew svinati, ippreparati u, fejn xieraq, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati, ippakkjati u maħżuna b'mod iġeniku b'konformità mar-rekwiżiti tat-Taqsima XI tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Noti

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.11: Il-post tal-oriġini: l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment li jibgħat.

— Kaxxa ta' referenza I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (vapur). Fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid għandha tingħata informazzjoni separata.

— Kaxxa ta' referenza I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali.

— Kaxxa ta' referenza I.23: Identifikazzjoni tan-numru tal-kontejner/tas-Siġill: fejn applikabbli biss.

— Kaxxa ta' referenza I.28: *It-tip ta' trattament*: frisk, ittrattati.

Parti II:

— Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

L-ispettur uffiċjali

L-isem (b'ittri kbar): Il-kwalifika u t-titlu:

Id-data: Il-firma:

It-timbru:

▼B

PARTI II

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT GĦAL IMPORTAZZJONIJIET TA' BEBBUX IMKESSAĦ, IFFRIŻAT, IMQAXXAR, IMSAJJAR, IPPREPARAT JEW IPPRESERVAT MAĦSUB GĦALL-KONSUM UMAN

PAJJIŻ: **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Il-kunsinnatur L-isem L-indirizz In-numru tat-telefown		I.2. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. L-awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. L-awtorità kompetenti lokali	
I.5. Id-destinatarju L-isem L-indirizz Il-Kodiċi Postali In-numru tat-telefown		I.6.	
I.7. Il-pajjiż tal-oriġini	I.8. Il-Kodiċi tal-ISO	I.9. Il-pajjiż tad-destinazzjoni	I.10. Il-Kodiċi tal-ISO
I.11. Il-post tal-oriġini L-isem In-numru tal-approvazzjoni L-indirizz		I.12.	
I.13. Il-post tat-tagħbija		I.14. Id-data ta' tluq	
I.15. Il-mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ L-identifikazzjoni Ir-referenzi ta' dokumentazzjoni		I.16. Il-BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17.	
I.18. Id-deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Il-kodiċi tal-komodità (kodiċi SA):	
			I.20. Il-kwantità
I.21. It-temperatura tal-prodott Ambjentali ☐ Imkessħin ☐ Iffriżati ☐			I.22. In-numru ta' pakketti
I.23. In-Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur			I.24. It-tip ta' imballaġġ

▼B

I.25. Il-prodotti ċċertifikati għal: Konsum uman ☐		
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐
I.28. L-identifikazzjoni tal-komoditajiet		
L-ispeċi (isem xjentifiku)	It-tip ta' trattament	In-numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti
In-numru ta' pakketti	Il-piż nett	
L-impjant tal-manifattura		

▼B

PAJJIŻ **Il-Mudell SNS Bebbux**

II.	**It-tagħrif dwar is-saħħa**	II.a.	In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. L-Attestazzjoni tas-Saħħa Pubblika

Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1) u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55) u niċċertifika li l-bebbux deskritt hawn fuq kien prodott skont dawk ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

— ġejjin minn stabbiliment(i) li jimplementa(w) programm imsejjes fuq il-prinċipji tal-HACCP skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004;

kif ukoll

— ġew ittrattati u, fejn xieraq, imqaxxrin, imsajrin, ippreparati, ippreservati, iffriżati, ippakkjati u maħżunin b'mod iġjeniku skont ir-rekwiżiti tat-Taqsima XI tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Noti

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.11: Il-post tal-oriġini: l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment li jibgħat.

— Kaxxa ta' referenza I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (vapur). Għandu jingħata tagħrif separat fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

— Kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) taħt l-intestaturi li ġejjin: 03.07, 16.05.

— Kaxxa ta' referenza I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali.

— Kaxxa ta' referenza I.23: Identifikazzjoni tan-numru tal-kontejner/tas-Siġill: fejn applikabbli biss.

— Kaxxa ta' referenza I.28: *It-tip ta' trattament*: frisk, ittrattati.

Parti II:

— Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

L-ispettur uffiċjali

L-isem (b'ittri kbar): Il-kwalifika u t-titlu:

Id-data: Il-firma:

It-timbru:

▼B

PARTI III

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKATI GĦAL IMPORTAZZJONIJIET TAL-ĠELATINA MAĦSUBA GĦALL-KONSUM UMAN

PAJJIŻ: **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Il-kunsinnatur L-isem L-indirizz In-numru tat-telefown		I.2. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. L-awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. L-awtorità kompetenti lokali	
I.5. Id-destinatarju L-isem L-indirizz Il-Kodiċi Postali In-numru tat-telefown		I.6.	
I.7. Il-pajjiż tal-oriġini	Il-Kodiċi tal-ISO I.8.	I.9. Il-pajjiż tad-destinazzjoni	Il-Kodiċi tal-ISO I.10.
I.11. Il-post tal-oriġini L-isem In-numru tal-approvazzjoni L-indirizz		I.12.	
I.13. Il-post tat-tagħbija		I.14. Id-data ta' tluq	
I.15. Il-mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ L-identifikazzjoni Ir-referenzi ta' dokumentazzjoni		I.16. Il-BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17.	
I.18. Id-deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Il-kodiċi tal-komodità (kodiċi SA):	
			I.20. Il-kwantità
I.21. It-temperatura tal-prodott Ambjentali ☐ Imkessħin ☐ Iffriżati ☐			I.22. In-numru ta' pakketti
I.23. In-Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur			I.24. It-tip ta' imballaġġ

▼B

I.25. Il-prodotti ċċertifikati għal: Konsum uman ☐				
I.26.			I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	
I.28. L-identifikazzjoni tal-komoditajiet				
L-ispeċi (l-isem xjentifiku)	Id-data ta' produzzjoni (jj/xx/ssss)	In-numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti L-impjant tal-manifattura	In-numru ta' pakketti	Il-piż nett

▼B

PAJJIŻ **Il-Mudell GEL**
Ġelatina maħsuba għall-konsum uman

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	It-tagħrif dwar is-saħħa	II.a.	In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1. L-Attestazzjoni tas-Saħħa Pubblika

Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1) u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55) u niċċertifika li l-ġelatina deskritta hawn fuq kienet prodotta skont dawk ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

— din ġejja minn stabbiliment(i) li jimplimenta(w) programm imsejjes fuq il-prinċipji tal-HACCP skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004;

— kienet prodotta minn materja prima li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Kapitoli I u II tat-Taqsima XIV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

— ġiet prodotta f'konformità mal-kundizzjonijiet li ġew stabbiliti fil-Kapitolu III tat-Taqsima XIV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

— tissodisfa l-kriterji tal-Kapitolu IV tat-Taqsima XV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-prodotti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1);

u jekk ta' oriġini ruminanti, għajr il-ġelatina derivata mill-ġlud ħoxnin u l-ġlud tar-ruminanti,

([1]) jew

— [ġejjin minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1) bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju negliġibbli tal-BSE;

— l-annimali li minnhom ġejja l-ġelatina twieldu, trabbew kontinwament u nqatlu fil-pajjiż b'riskju negliġibbli tal-BSE u għaddew mill-ispezzjonijiet ta' qabel u wara l-qatla.

— jekk fil-pajjiż jew fir-reġjun kien hemm każijiet indiġeni tal-BSE:

(i) dan ġej minn annimali li twieldu wara d-data minn meta bdiet tiġi infurzata l-projbizzjoni li r-ruminanti jingħataw għalf b'laħam u għadam mitħun u xaħam li ġejjin mir-ruminanti; jew

(ii) il-prodotti li ġejjin minn annimali bovini, ovini u kaprini ma fihomx u mhumiex ġejjin minn materjal riskjuż speċifikat kif jiddefinixxi l-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, jew laħam separat mekkanikament li ġej minn għadam tal-annimali bovini, ovini jew kaprini.]

([1]) jew

— ġej minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju kkontrollat tal-BSE;

— l-annimali minnhom ġejja l-ġelatina għaddew mill-ispezzjonijiet ta' qabel u wara l-qatla;

— l-annimalili minnhom ġejja l-ġelatina destinata għall-esportazzjoni ma nqatlux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-ħofra kranjali jew ma nqatlux bl-istess metodu jew inqatlu b'tiċrit wara l-isturdament tat-tessut tan-nervituri ċentrali permezz ta' strument twil f'għamla ta' virga mdaħħal fil-ħofra kranjali;

— il-ġelatina ma fihiex u mhix ġejja minn materjal ta' riskju speċifikat kif iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew lanqas mhu laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini.]

▼B

PAJJIŻ

Il-Mudell GEL
Ġelatina maħsuba għall-konsum uman

II.	**It-tagħrif dwar is-saħħa**	II.a.	In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([1]) jew

— [ġejja minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju negliġibbli tal-BSE;

— il-ġelatina hija derivata minn annimali li għaddew mill-ispezzjonijiet ta' qabel u wara l-qatla;

— il-ġelatina hija derivata minn annimali li twieldu, trabbew kontinwament u nqatlu fil-pajjiż jew fir-reġjun b'riskju negliġibbli tal-BSE skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, u, jekk kien hemm każijiet indiġeni tal-BSE fil-pajjiż jew fir-reġjun, li twieldu wara d-data minn meta bdiet tiġi infurzata l-projbizzjoni li r-ruminanti jingħataw għalf b'laħam u għadam mitħun u xaħam li ġejjin minn ruminanti, u minn annimali mwielda f'pajjiż jew reġjun ikklassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju kkontrollat tal-BSE, u li ma nqatlux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-ħofra kranjali jew ma nqatlux bl-istess metodu jew inqatlu b'tiċrit wara l-isturdament tat-tessut tan-nervituri ċentrali permezz ta' strument twil f'għamla ta' virga mdaħħal fil-ħofra kranjali;

— il-ġelatina ma fihiex u mhix ġejja minn materjal ta' riskju speċifikat kif iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew lanqas mhu laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini.]

([1]) jew

— [din ġejja minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun b'riskju mhux determinat tal-BSE;

— l-annimali li minnhom ġejja l-ġelatina ma ġewx mitmugħa ikel b'laħam u għadam mitħun jew xaħam li ġew minn ruminanti u għaddew mill-ispezzjonijiet qabel u wara l-qatla;

— l-annimali li minnhom ġejja l-ġelatina ma nqatlux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-ħofra kranjali jew ma nqatlux bl-istess metodu jew inqatlu b'tiċrit wara l-isturdament tat-tessut tan-nervituri ċentrali permezz ta' strument twil f'għamla ta' virga mdaħħal fil-ħofra kranjali;

— il-ġelatina mhijiex derivata minn:

(i) materjal riskjuż speċifikat kif jiddefinixxi l-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) tessuti tan-nervituri u limfatiċi esposti waqt il-proċess tat-tneħħija tal-għadam;

(iii) laħam separat mekkanikament li ġej minn għadam tal-annimali bovini, ovini jew kaprini.]

Noti

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.11: Il-post tal-oriġini: l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment li jibgħat.

— Kaxxa ta' referenza I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (vapur). Għandu jingħata tagħrif separat fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

— Kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi addattat tas-Sistema Armonizzata (SA) taħt l-intestatura 35.03;

— Kaxxa ta' referenza I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali.

— Kaxxa ta' referenza I.23: Identifikazzjoni tan-numru tal-kontejner/tas-Siġill: fejn applikabbli biss.

▼B

PAJJIŻ **Il-Mudell GEL**
Ġelatina maħsuba għall-konsum uman

II. **It-tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II:

([1]) Ħassar kif xieraq.

— Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

Il-veterinarju uffiċjali

L-isem (b'ittri kbar):

Il-kwalifika u t-titlu:

Id-data:

Il-firma:

It-timbru:

▼B

PARTI IV

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKATI GHAL IMPORTAZZJONIJIET TAL-KOLLAĠEN MAHSUB GHALL-KONSUM UMAN

PAJJIŻ: **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Il-kunsinnatur L-isem L-indirizz In-numru tat-telefown		I.2. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. L-awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. L-awtorità kompetenti lokali	
I.5. Id-destinatarju L-isem L-indirizz Il-Kodiċi Postali In-numru tat-telefown		I.6.	
I.7. Il-pajjiż tal-oriġini	I.8. Il-Kodiċi tal-ISO	I.9. Il-pajjiż tad-destinazzjoni	I.10. Il-Kodiċi tal-ISO
I.11. Il-post tal-oriġini L-isem In-numru tal-approvazzjoni L-indirizz		I.12.	
I.13. Il-post tat-tagħbija		I.14. Id-data ta' tluq	
I.15. Il-mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ L-identifikazzjoni Ir-referenzi ta' dokumentazzjoni		I.16. Il-BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17.	
I.18. Id-deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Il-kodiċi tal-komodità (kodiċi SA):	
			I.20. Il-kwantità
I.21. It-temperatura tal-prodott Ambjentali ☐ Imkessħin ☐ Iffriżati ☐			I.22. In-numru ta' pakketti
I.23. In-Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur			I.24. It-tip ta' imballaġġ

▼B

I.25. Il-prodotti ċċertifikati Konsum uman ☐	
I.26.	I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐

I.28. L-identifikazzjoni tal-komoditajiet

L-ispeċi (isem xjentifiku)	Id-data ta' produzzjoni (jj/xx/ssss)	In-numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti L-impjant tal-manifattura	In-numru ta' pakketti	Il-piż nett

▼B

PAJJIŻ **Il-Mudell COL**
Kollaġen maħsub għall-konsum uman

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	It-tagħrif dwar is-saħħa	II.a.	In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1. L-Attestazzjoni tas-Saħħa Pubblika

Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1) u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55) u niċċertifika li l-kollaġen deskritt hawn fuq kien prodott skont dawk ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

— dan ġej minn stabbiliment(i) li jimplimenta(w) programm imsejjes fuq il-prinċipji tal-HACCP skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004;

— kien prodott minn materja prima li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Kapitoli I u II tat-Taqsima XV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

— ġie manifatturat f'konformità mal-kundizzjonijiet li ġew stabbiliti fil-Kapitolu III tat-Taqsima XV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

— jissodisfa l-kriterji tal-Kapitolu IV tat-Taqsima XV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-prodotti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1);

u jekk ta' oriġini ruminanti, għajr il-kollaġen derivat mill-ġlud ħoxnin u l-ġlud tar-ruminanti,

([1]) jew

— [ġejjin minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija spongiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1) bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju negliġibbli tal-BSE;

— l-annimali li minnhom ġej il-kollaġen trabbew kontinwament u nqatlu fil-pajjiż b'riskju negliġibbli tal-BSE u għaddew mill-ispezzjonijiet ta' qabel u wara l-qatla;

— jekk fil-pajjiż jew fir-reġjun kien hemm każijiet indiġeni tal-BSE:

(i) dan ġej minn annimali li twieldu wara d-data minn meta bdiet tiġi infurzata l-projbizzjoni li r-ruminanti jingħataw għalf b'laħam u għadam mitħun u xaħam li ġejjin minn ruminanti; jew

(ii) il-prodotti li ġejjin minn annimali bovini, ovini u kaprini ma fihomx u mhumiex ġejjin minn materjal riskjuż speċifikat kif iddefinixxi l-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, jew laħam separat mekkanikament li ġej minn għadam tal-annimali bovini, ovini jew kaprini.]

([1]) jew

— ġejjin minn il-pajjiż jew ir-reġjun huwa klassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju kkontrollat tal-BSE;

— l-annimali minn fejn kien derivat il-kollaġen għaddew mill-ispezzjonijiet ta' qabel u wara l-qatla;

— l-annimali li minnhom ġej il-kollaġen maħsub għall-esportazzjoni ma nqatlux wara li ġew storduti permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali, lanqas maqtula bl-istess metodu u lanqas maqtula b'laċerazzjoni, wara stordament, tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument twil f'għamla ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;

— il-prodott ma fihx u mhux ġej minn materjal ta' riskju speċifikat kif iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew lanqas mhu laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini.]

▼B

PAJJIŻ **Il-Mudell COL**
Kollaġen maħsub għall-konsum uman

II.	It-tagħrif dwar is-saħħa	II.a.	In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([1]) jew

— [ġejja minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju negliġibbli tal-BSE;

— il-kollaġen huwa derivat minn annimali li għaddew mill-ispezzjonijiet ta' qabel u wara l-qatla;

— il-kollaġen huwa derivat minn annimali li twieldu, trabbew kontinwament u nqatlu fil-pajjiż jew fir-reġjun b'riskju negliġibbli tal-BSE skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, u, jekk kien hemm każijiet indiġeni tal-BSE fil-pajjiż jew fir-reġjun, li twieldu wara d-data minn meta bdiet tiġi infurzata l-projbizzjoni li r-ruminanti jingħataw għalf b'laħam u għadam mitħun u xaħam li ġejjin minn ruminanti, u minn annimali mwielda f'pajjiż jew reġjun ikklassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju kkontrollat tal-BSE, u li ma nqatlux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-ħofra kranjali jew ma nqatlux bl-istess metodu jew inqatlu b'tiċrit wara l-isturdament tat-tessut tan-nervituri ċentrali permezz ta' strument twil f'għamla ta' virga mdaħħal fil-ħofra kranjali;

— il-prodott ma fihx u mhux ġej minn materjal ta' riskju speċifikat kif iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew lanqas mhu laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini.]

([1]) jew

— [din ġejja minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun b'riskju mhux determinat tal-BSE;

— l-annimali li minnhom ġej il-kollaġen ma ġewx mitmugħa ikel b'laħam u għadam mitħun jew xaħam li ġew minn ruminanti u għaddew mill-ispezzjonijiet qabel u wara l-qatla;

— l-annimali li minnhom ġie l-kollaġen ma nqatlux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-ħofra kranjali jew ma nqatlux bl-istess metodu jew inqatlu b'tiċrit wara l-isturdament tat-tessut tan-nervituri ċentrali permezz ta' strument twil f'għamla ta' virga mdaħħal fil-ħofra kranjali;

— il-kollaġen ma kienx derivat minn:

(i) materjal riskjuż speċifikat kif iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) tessuti tan-nervituri u limfatiċi esposti waqt il-proċess tat-tneħħija tal-għadam;

(iii) laħam separat mekkanikament li ġej minn għadam tal-annimali bovini, ovini jew kaprini.]

Noti

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.11: Il-post tal-oriġini: l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment li jibgħat.

— Kaxxa ta' referenza I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (vapur). Għandu jingħata tagħrif separat fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

— Kaxxa ta' referenza I.18: Dan iċ-ċertifikat jista' jintuża wkoll għal importazzjonijiet ta' kejsings ta' kollaġen.

— Kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (SA) taħt l-intestatura 35.04 jew 39.17.

— Kaxxa ta' referenza I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali.

— Kaxxa ta' referenza I.23: Identifikazzjoni tan-numru tal-kontejner/tas-Siġill: fejn applikabbli biss.

▼B

PAJJIŻ **Il-Mudell COL**
Kollaġen maħsub għall-konsum uman

II.	**It-tagħrif dwar is-saħħa**	II.a.	In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II:

([1]) Ħassar kif xieraq.

— Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

Il-veterinarju uffiċjali

L-isem (b'ittri kbar): Il-kwalifika u t-titlu:

Id-data: Il-firma:

It-timbru:

▼B

PARTI V

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT GĦAL IMPORTAZZJONIJIET TA' MATERJA PRIMA GĦALL-PRODUZZJONI TA' ĠELATINA/KOLLAĠEN MAĦSUBA GĦALL-KONSUM UMAN [1]

PAJJIŻ: **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Il-kunsinnatur L-isem L-indirizz In-numru tat-telefown					I.2. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat				I.2.a.
					I.3. L-awtorità kompetenti ċentrali				
					I.4. L-awtorità kompetenti lokali				
I.5. Id-destinatarju L-isem L-indirizz Il-Kodiċi Postali In-numru tat-telefown					I.6.				
I.7. Il-pajjiż tal-oriġini		I.8. Ir-reġjun tal-oriġini		Kodiċi	I.9. Il-pajjiż tad-destinazzjoni		I.10. Il-Kodiċi tal-ISO		
I.11. Il-post tal-oriġini L-isem L-indirizz	In-numru tal-approvazzjoni				I.12.				
I.13. Il-post tat-tagħbija					I.14. Id-data ta' tluq				
I.15. Il-mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ L-identifikazzjoni Ir-referenzi ta' dokumentazzjoni					I.16. Il-BIP tad-dħul fl-UE				
					I.17.				
I.18. Id-deskrizzjoni tal-prodott							I.19. Il-kodiċi tal-komodità (kodiċi SA):		
									I.20. Il-kwantità
I.21. It-temperatura tal-prodott Ambjentali ☐ Imkessħin ☐ Iffriżati ☐									I.22. In-numru ta' pakketti
I.23. In-Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur									I.24. It-tip ta' imballaġġ

[1] Sakemm ma jkunx kopert mill-Parti VI.

▼B

I.25. Il-prodotti ċċertifikati Il-produzzjoni tal-ġelatina jew tal-kollaġen għall-konsum uman ☐				
I.26.			I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	
I.28. L-identifikazzjoni tal-komoditajiet				
L-ispeċi (l-isem xjentifiku)	In-natura tal-prodott bażiku	In-numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti L-impjant tal-manifattura	In-numru ta' pakketti	Il-piż nett

▼B

PAJJIŻ

Il-Mudell RCG
Materja prima għall-produzzjoni tal-ġelatina / kollaġen maħsuba għall-konsum uman

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	It-tagħrif dwar is-saħħa	II.a.	In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1. L-Attestazzjoni tas-Saħħa Pubblika

Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1) u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55) u r-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġiniw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206) u niċċertifika li l-materja prima deskritta hawn fuq tikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

— ([1]) [għadam, ġlud ħoxnin u ġlud ta' annimali domestiċi u annimali ruminanti mrobbija f'azjenda agrikola, tal-ħnieżer u tat-tjur u l-għeruq u l-ligamenti deskritti hawn fuq ġejjin minn annimali li nqatlu f'biċċerija u li l-karkassi tagħhom instabu tajba għall-konsum uman wara spezzjoni ta' qabel u wara l-qatla,]

u/jew

— ([1]) [ġlud ħoxnin tal-kaċċa selvaġġa, ġlud u għadam deskritti hawn fuq ġejjin minn annimali maqtula li l-karkassi tagħhom instabu tajba għall-konsum uman wara spezzjoni ta' qabel u wara l-qatla,]

u/jew

— ([1]) [il-ġlud u l-għadam tal-ħut deskritti hawn fuq derivati minn impjanti li jimmanifatturaw il-prodotti tal-ħut għall-konsum uman awtorizzati għall-esportazzjoni,]

([1]) u

u jekk ta' oriġini ruminanti, għajr għall-ġlud ħoxnin u l-ġlud tar-ruminanti,

([1]) jew:

— [dawnġejjin minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija spongiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1) bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju negliġibbli ta' BSE;

— l-annimali li minnhom ġejja l-materja prima li toriġina minn annimali bovini, ovini u kaprini, twieldu, trabbew kontinwament u nqatlu fil-pajjiż b'riskju negliġibbli tal-BSE u għaddew mill-ispezzjonijiet ta' qabel u wara l-qatla;

— jekk fil-pajjiż jew fir-reġjun kien hemm każijiet indiġeni tal-BSE:

(i) l-annimali twieldu wara d-data minn meta bdiet tiġi infurzata l-projbizzjoni li r-ruminanti jingħataw għalf b'laħam u għadam mitħun u xaħam li ġejjin minn ruminanti; jew

(ii) il-materja prima li toriġina minn annimali bovini, ovini u kaprini ma fihiex u mhix ġejja minn materjal riskjuż speċifikat iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, jew laħam separat mekkanikament li ġej minn għadam tal-annimali bovini, ovini jew kaprini;]

([1]) jew:

— [dawn ġejjin minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju kkontrollat tal-BSE;

— l-annimali li minnhom ġejja l-materja prima li toriġina minn annimali bovini, ovini u kaprini għaddew mill-ispezzjonijiet ta' qabel u wara l-qatla;

▼B

PAJJIŻ

II-Mudell RCG
Materja prima għall-produzzjoni tal-ġelatina / kollaġen maħsuba għall-konsum uman

II.	It-tagħrif dwar is-saħħa	II.a.	In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

— l-annimali li minnhom ġejja l-materja prima li toriġina minn annimali bovini, ovini u kaprini destinati għall-esportazzjoni ma nqatlux wara li ġew storduti b'gass injettat fil-kavità kranjali jew ma nqatlux bl-istess metodu jew b'laċerazzjoni wara stordament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument twil f'għamla ta' virga li jiddaħħal fil-kavità kranjali;

— il-materja prima li toriġina minn annimali bovini, ovini u kaprini ma fihiex u mhix ġejja minn materjal riskjuż speċifikat iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, jew laħam separat mekkanikament li ġej minn għadam tal-annimali bovini, ovini jew kaprini;]

([1]) jew

— [dawn ġejjin minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju negliġibbli tal-BSE;

— l-annimali li minnhom ġejja l-materja prima li toriġina minn annimali bovini, ovini u kaprini għaddew mill-ispezzjonijiet ta' qabel u wara l-qatla;

— il-materja prima li toriġina minn annimali bovini, ovini u kaprini maħsuba għall-esportazzjoni kienet derivata minn annimali li twieldu, trabbew kontinwament u nqatlu fil-pajjiż jew fir-reġjun b'riskju negliġibbli tal-BSE skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, u, jekk kien hemm każijiet indiġeni tal-BSE fil-pajjiż jew r-reġjun, li twieldu wara d-data minn meta bdiet tiġi infurzata l-projbizzjoni li r-ruminanti jingħataw għalf b'laħam u għadam mitħun u xaħam li ġejjin minn ruminanti, u minn annimali mwielda f'pajjiż jew reġjun ikklassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju kkontrollat tal-BSE, u li ma nqatlux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-ħofra kranjali jew ma nqatlux bl-istess metodu jew inqatlu b'tiċrit wara l-isturdament tat-tessut tan-nervituri ċentrali permezz ta' strument twil f'għamla ta' virga mdaħħal fil-ħofra kranjali;

— il-prima materja ta' oriġini tal-annimali bovini, ovini u kaprini ma fihiex u mhijiex ġejja minn materjal riskjuż speċifikat kif iddedinit fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, jew laħam separat mekkanikament li ġej minn għadam tal-annimali bovini, ovini jew kaprini.]

([1]) jew

— [dawn ġejjin minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju mhux determinat tal-BSE;

— l-annimali li minnhom ġejja l-materja prima li toriġina minn annimali bovini, ovini u kaprini ma ġewx mitmugħa ikel b'laħam u għadam mitħun jew xaħam li ġew minn ruminanti u għaddew mill-ispezzjonijiet qabel u wara l-qatla;

